MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Numru. 50/1998
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**JOHN MAGRO**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra John Magro iben il-mejjet Emanuel u Lilian xebba Cauchi (Karta ta' l-Identita` Nru 50955 G) f'isem Magro Bros Properties Ltd ta' 9/10, Valley Road, Rabat, Ghawdex kif riportati a fol 1 tal-process bil-mod segwenti:
"Talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, qabel il-5 ta' Dicembru 1991 u t-3 ta' Mejju 1995 bhala proprjetarju tal-fond 'Sunset Court', Atena Street, Xlendi, Ghawdex u bhala

persuna li fuqha huwa registrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta` kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq jammonta ghal mitejn u erbgha u tmenin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm284.20c), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur.

Il-Qorti kienet mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali."

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ta' l-1 ta' Dicembru 1998 skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;
Semghet il-provi bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi jrid jinghad mill-ewwel illi din il-kawza hija milquta minn difetti serji, whud minnhom elenkati fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-imputat fejn kienu wkoll sollevati punti dwar in-nullita` u l-preskrizzjoni tal-kaz in dizamina.

Ghalkemm ma nghatat ebda eccezzjoni ta' preskrizzjoni waqt it-trattazzjoni tal-kawza, dan kien imsemmi fin-nota ta' sottomissjonijiet u ghalhekk il-Qorti hi fid-dmir li tiddeciedi dwaru.

Din l-eccezzjoni hija marbuta mall-konfuzjoni li hemm fid-data ta' l-allegat rejat. Bhalma tajjeb issollevat id-difiza l-prosekuzzjoni allegat li l-imputat ikkommetta r-rejat "qabel il-5 ta' Dicembru 1991 u t-3 ta' Mejju 1995". Dawn iz-zewg dati huma konflingenti u jista' jkun li l-prosekuzzjoni riedet tghid "bejn il-5 ta' Dicembru 1991 u t-3 ta' Mejju 1995" izda dak li (jista' jkun) ma jiffurmax parti mil-vokabolarju ta' din il-Qorti fil-proceduri kriminali. Anqas ma ghandha tapplika r-regola tar-rejat kontinwat f'dawn ic-cirkostanzi ta' ekwivoku.

Ikkunsidrat inoltre illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx il-prova mehtiega illi l-imputat huwa direttur jew dirigent tas-socjeta` Magro Bros. Properties Ltd. Jirrizulta inoltre illi l-Process Verbal relattiv inghalaq fil-25 ta’ Marzu 1997 u cioe` gia` hames snin u disa xhur wara d-data 5 ta’ Dicembru 1991, id-data li qabilha hu allegat li sar ir-rejat. L-espert tekniku nominat biex jassisti l-Qorti jirreferi ghall-inkjesta li saret fit-30 t’April 1994 f’liema data jghid li nghata n-nomina meta l-Magistrat Inkwirenti jirrizulta li kien infurmat bl-allegat irregolaritajiet fl-1 t’Ottubru 1996. L-indikazzjoni ta’ din id-data mhix lapsus da parti ta’ l-espert tekniku ghaliex kif jirrizulta mir-relazzjoni tieghu l-istess data tidher b’mod kostanti u dati ohra jikkonfermaw dan. Fit-18 t’April 1995 sar verbal ta’ access fejn ma deher hadd u kien iffissat access iehor ghat-3 ta’ Mejju 1995. L-access tat-3 ta’ Mejju sar kif ordnat. Anke jekk il-Qorti b’xi mod tasal biex taccetta li d-data tat-30 t’April 1994 kienet lapsus ghaliex ghandha taqra 30 t’April 1995 ma hemm l-ebda spjegazzjoni ghaliex il-Pulizija kienet infurmata dwar ir-rejat fit-3 ta’ Mejju 1995, meta allura kien infurmat il-Magistrat Inkwirenti u n-nomina ta’ l-espert saret fit-30 t’April 1994. L-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta xehdu li skoprew l-allegat rejat fit-30 t’April 1994 u allura kif issir inkjesta hamest ijiem wara?

Ikkunsidrat inoltre illi l-meter kien spezzjonat fuq talba tas-socjeta` Magro Bros Properties Ltd li kien ircieva kont ta’ ‘l fuq minn mitejn lira Maltin (Lm200) ghall-konsum tad-dawl meta l-fond ma kien jintuza minn hadd.

Fid-dawl ta’ dawn id-difetti u konflitti l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------